

Brussell, 24 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10030/26

LIMITE

AELE 36
MC 2

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0128(NLE)

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Komitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Prinċipat ta' Monaco dwar l-applikazzjoni ta' ċerti atti Komunitarji fit-territorju tal-Prinċipat ta' Monaco li tikkonċerna emendi għall-Anness ta' dak il-Ftehim

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/...

ta' ...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea
fi ħdan il-Komitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim
bejn il-Komunità Ewropea u l-Prinċipat ta' Monaco
dwar l-applikazzjoni ta' ċerti atti Komunitarji
fit-territorju tal-Prinċipat ta' Monaco
li tikkonċerna emendi għall-Anness ta' dak il-Ftehim**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9), tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/885/KE tas-17 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna l-konklużjoni tal-Ftehim dwar l-applikazzjoni ta' ċerti atti Komunitarji fit-territorju tal-Prinċipat ta' Monaco¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 332, 19.12.2003, p. 41, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2003/885/oj>.

Billi:

- (1) Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Prinċipat ta' Monaco dwar l-applikazzjoni ta' ċerti atti Komunitarji fit-territorju tal-Prinċipat ta' Monaco² ("il-Ftehim") ġie konkluż mill-Komunità permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/885/KE.
- (2) Skont l-Artikolu 1(1) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 3(1) tiegħu (il-“Kumitat Konġunt”) jista’ jemenda l-Anness tal-Ftehim sabiex jiżgura li l-atti tal-Unjoni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim japplikaw fit-territorju tal-Prinċipat ta' Monaco.
- (3) L-Anness tal-Ftehim ġie emendat l-aħħar bid-Deċiżjoni Nru 1/2013 tal-Kumitat Kongunt³. Mill-adozzjoni ta' dik id-Deċiżjoni, l-Unjoni adottat għadd ta' atti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim, filwaqt li ċerti atti elenkati fl-Anness tal-Ftehim ġew imħassra. Il-Kumitat Konġunt huwa skedat li jadotta, permezz ta’ proċedura bil-miktub, deċiżjoni li temenda l-Anness tal-Ftehim sabiex jinkludi l-atti l-ġodda li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-Ftehim u jneħħi l-atti li tħassru (id-“Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt”).
- (4) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt, jekk tiġi adottata, se tipproduċi effetti legali għall-Unjoni.

² ĠU L 332, 19.12.2003, p. 42, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_international/2003/885/oj.

³ Id-Deċiżjoni Nru 1/2013 tal-Kumitat Konġunt UE-Monaco stabbilit skont il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Prinċipat ta' Monaco dwar l-applikazzjoni ta' ċerti atti Komunitarji fit-territorju tal-Prinċipat ta' Monaco tat-12 ta' Lulju 2013 li temenda l-Anness għall-Ftehim (ĠU L 279, 19.10.2013, p. 73, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2013/513/oj>).

- (5) Huwa għalhekk xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed fi ħdan il-Kumitat Konġunt li tikkonċerna l-emendi għall-Anness tal-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:



Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit permezz tal-Artikolu 3(1) tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Prinċipat ta' Monaco dwar l-applikazzjoni ta' ċerti atti Komunitarji fit-territorju tal-Prinċipat ta' Monaco għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt (id-“Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt”) meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Bidliet tekniċi minuri għall-pożizzjoni stabbilita fl-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt meħmuż jistgħu jiġu miftiehma mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 3

Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
